**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 513/2023**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Michael Tabone)**
**-Vs-**
**AARON CARUANA**

**Illum, 10 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AARON CARUANA** ta' 36 sena, bin Mario Caruana u Carmen nee' Zammit, imwieled nhar is-7 ta' Ottubru 1987, residenti ġewwa 37, Misraħ tas-Suq, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0460287M li tressaq quddiemha akkużat talli bejn Settembru 2019 u Mejju 2023 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiskru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom ħlas, jew jieħdu l-kunsinna ta' oggetti jew jiġbor

depożitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b xi' att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentament għamilt użu minn wahda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamilt falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi ħloqt pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħalt dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi żidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentament ghamilt uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'xi dokumenti maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt tagħrif falz ;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi għamit użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta; intraprizi foloz, jew ta ħila setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn ħamest elef euro €5,000 bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u /jew xi entita u/ jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi ħsara tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita u/jew entitajiet oħra, għamilt qligħ ieħor b'qerq ta'aktar minn ħamest elef euro (€5,000).

8. U aktar talli kellek fil-pussess jew kellek taħt il-kontroll tieghek xi oġġetti għall-użu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat ghal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat waqt l-eżami jwieġeb li mhux ħati tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Lulju 2024 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista' tinstab ħtija, u ċioe`:

1. Fl-artikolu 167 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-artikoli 15A, 17, 18, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tal-5 ta' Settembru 2024 jiddikjara li m'għandux oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;,

Semgħet ix-xhieda tal-espert tal-kalligrafija Joseph Mallia u rat ir-relazzjoni tiegħu Dok. JM1;

Semgħet ix-xhieda tal-espert ġudizzjarju Dr. Anthony Galea Debono u rat ir-relazzjoni tiegħu Dok. AGD1;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025;

Rat illi n-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentat għan-nom tal-imputat fis-7 ta' April 2025, ġiet ippreżentata *fuori termine*;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża giet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi bħala sfond jidher li l-akkużi fil-konfront tal-imputat, Aaron Caruana, nibtu minn tfittxija li kienet saret fil-computer ta' Dr. Silvio Grixti fejn il-Pulizija kienu sabu diversi ċertifikati mediċi li kienu jidhru suspettużi. Meta saru l-verifiki opportuni mat-tobba li suppost kienu ffirmaw iċ-ċertifikati msemmija, irriżulta li dawn kienu falsifikati filwaqt li minn iktar investigazzjonijiet li saru mill-Pulizija, irriżulta wkoll li dawn iċ-ċertifikati kienu qed jintużaw biex jinkiseb il-ħlas ta' assistenza soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għad-detriment tal-Gvern ta' Malta. Minn stħarriġ li sar fil-files fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, instab illi fil-file tal-imputat dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, kien hemm ċertifikat allegatament maħruġ minn Dr. Ruth Galea iżda ġie stabbilit li l-imputat qatt ma kien pazzjent tagħha u hija qatt ma ħarġet ebda ċertifikat dwaru.

Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi, jirriżulta li fit-30 ta' Settembru 2019 l-imputat, Aaron Caruana issottometta lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali applikazzjoni għal '*Assistance for a person who has Severe Disability*'. L-applikazzjoni ġiet iffirmata minn Aaron Caruana, l-imputat, bid-data tas-27 ta' Settembru 2019 liema firma saret b'mod speċifiku fis-sezzjoni intestata '*Dikjarazzjoni*' fejn l-applikant bil-firma tiegħu jafferma li safejn jaf hu, it-tagħrif mogħti fl-applikazzjoni hu kollu minnu, komplet u korrett[1].

Flimkien ma' din l-applikazzjoni, hemm mehmuż rapport li jidher li huwa iffirmat minn Dr. Silvio Grixti bid-data tas-16 ta' Settembru 2019, fejn ġie mmarkat b'mod speċifiku fil-lista ta' kundizzjonijiet mediċi jew mard li dwarhom kien qed jintalab il-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa, li l-applikant ibati mill-kundizzjoni tal-epilepsija u minn hydrocephalus. Fis-sezzjoni intestata '*Rapport tal-Ispeċjalista*' / '*Kundizzjoni oħra hawn fuq mhux imsemmija jew informazzjoni ulterjuri dwar il-kundizzjoni mmarkata*', ġie miktub hekk: "*Patient has been operated for an epidermoid cyst in his 4th ventricle ...*[2] *V-P shunt for hydrocephalus.*"

Fil-file fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali dwar l-applikazzjoni tal-imputat (Dok. MB1), wieħed isib ukoll ċertifikat mediku allegatament maħruġ minn Dr. Ruth Galea (RS Neurology) c/o Dr. Malcolm Vella (Consultant Neurologist), datat 22 ta' Ottubru 2019[3], fejn ingħad hekk:- "*Mr. Aaron Caruana (ID No : 460287M) has a congenital hydrocephalus and is being followed up at NOP. He is on regular treatment and attends Neurology outpatients regularly.*"

Fl-istess file Dok. MB1 hemm ukoll '*Medical Panel Report*' datat 14 ta' Novembru 2019[4] fejn ġie ċertifikat bil-firma ta' tliet tobba, li Aaron Caruana jaqa' fid-

---

[1] Ara paġna 28 tal-atti, parti minn Dok. MB1. L-espert tal-kalligrafija maħtur mill-Qorti, Joseph Mallia, ikkonferma li abbażi ta' eżerċizzju komparattiv li wettaq bejn il-firma li jidher fuq l-applikazzjoni f'paġna 28 tal-atti tal-kompilazzjoni (f'Dok. MB1), u l-kampjuni tal-kalligrafija li ġew elevati mingħand l-istess imputat, seta' jikkonkludi li l-firma fiha l-karatteristiċi tal-kalligrafija tal-imputat. Ara relazzjoni (Dok. JM1) u xhieda ta' Joseph Mallia, 28 ta' Frar 2024.
[2] Kliem illeġibbli.
[3] Ara Dok. MB1, paġna 22 tal-atti tal-kompilazzjoni.
[4] Paġna 24 u 25 f'Dok. MB1.

definizzjoni ta' persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' hydrocephalus (immarkat fil-paragrafu 'c' fl-ewwel faċċata tar-rapport).

Jirriżulta mix-xhieda ta' Martin Buhagiar, l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, illi wara li l-Medical Panel iċċertifika lill-imputat bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni tal-hydrocephalus, u wara li r-rapport tal-Panel ġie mdaħħal fil-file tal-imputat, id-Dipartiment beda jħallas lill-imputat assistenza għal diżabilita' severa bir-rata ta' €104.85 fil-ġimgħa, bl-ammont totali perċepit minnu mill-5 ta' Ottubru 2019 sa-14 ta' Lulju 2023, meta l-ħlas ġie mwaqqaf, ilaħħaq is-somma ta' €22,283.87.

Dr. Ruth Galea fix-xhieda tagħha quddiem il-Qorti, ikkonfermat illi minn verifiki li għamlet fis-sistema tal-Isptar Mater Dei, irriżultalha li qatt ma kienet rat lill-imputat bħala pazzjent u kkonfermat ukoll li l-kopja taċ-ċertifikat li jinsab fil-file Dok. MB1, datat 22 ta' Ottubru 2019, mhux maħruġ minnha u ma iffirmatux, għalkemm il-firma fuq iċ-ċertifikat tixbaħ ħafna lill-firma tagħha. B'riferenza għall-kliem '*NOP*' fiċ-ċertifikat, qalet li dan x'aktarx inkiteb minflok '*Neurology Outpatients*' u ddikjarat li hija ma tużax abbrevjazzjonijiet fiċ-ċertifikati mediċi u eskludiet illi hija kienet kitbet iċ-ċertifikat in diżamina.

Dr. Taygeta Firman (Med. Reg. No. 1778), waħda mit-tliet tobba li fformaw il-Medical Panel li eżamina l-applikazzjoni tal-imputat waqt laqgħa li saret fl-14 ta' Novembru 2019, ikkonfermat fix-xhieda tagħha illi meta l-applikant ikun fil-pussess taċ-ċertifikat oriġinali li jkun inħareġ minn konsulent jew mill-kap tad-dipartiment fl-Isptar, il-Medical Panel jaċċetta li tiġi sottomessa fotokopja taċ-ċertifikat mediku. Ikkonfermat ukoll li t-tobba tal-Medical Panel ma jeżaminawx lill-applikant fiżikament u għalkemm ġieli jistaqsu xi domandi, meta l-kundizzjoni tkun spjegata fid-dokumenti joqgħodu fuq id-dokumenti li jkunu ġew prodotti mill-applikant in sostenn tal-kundizzjoni medika msemmija fl-applikazzjoni.

Dr. Raymond Galea (Med. Reg. No. 1454), li wkoll kien wieħed mit-tobba tal-Medical Panel li eżamina l-applikazzjoni tal-imputat u ffirma r-rapport fl-14 ta' Novembru 2019, iddikjara illi l-kundizzjoni ta' hydrocephalus m'hijiex waħda li tista' ssir dijanjosi tagħha permezz ta' eżami fil-klinika ta' tabib u għalhekk, il-Medical Panel ikollu jistrieħ neċessarjament fuq ċertifikat tal-konsulent. Ikkonferma li ġeneralment kienu jitolbu jaraw l-oriġinal taċ-ċertifikat iżda ma kienx il-prassi li jżommu l-oriġinal u kienu għalhekk isiru fotokopji tal-oriġinal dak il-ħin stess. Muri l-kopja taċ-ċertifikat li jinsab f'paġna 22 tal-atti tal-kompilazzjoni (allegatament iffirmat u maħruġ minn Dr. Ruth Galea), Dr. Raymond Galea kkonferma li dak kien iċ-ċertifikat li ġie prodott minn Aaron Caruana waqt il-laqgħa tal-Medical Panel[5].

Dr. Anthony Galea Debono, l-espert mediku ġudizzjarju, xehed illi huwa kien studja bir-reqqa l-file tal-Isptar Mater Dei tal-imputat, Aaron Caruana, fejn irriżultalu li għalkemm l-imputat kellu xi kundizzjonijiet mediċi, ma kien hemm xejn li jindika li kien hemm xi problemi newroloġiċi. Kemm hu hekk, ikkostata wkoll li qatt ma kienu saru investigazzjonijiet newroloġiċi, fosthom CT scan jew MRI scan tal-moħħ, ġewwa l-Isptar u konsegwentement, ma kienx hemm evidenza li l-imputat għandu l-kundizzjoni ta' hydrocephalus. Fir-relazzjoni tiegħu[6] jirriżulta illi l-espert wettaq eżami newroloġiku sħiħ fuq l-imputat fil-5 ta' Ġunju 2024 ġewwa l-Isptar Mater Dei, iżda ma sab ebda sinjali li jindikaw il-presenza ta' kundizzjoni newroloġika u kkonkluda għalhekk illi "*there is no evidence to support a diagnosis of hydrocephalus in Aaron Caruana's case.*"

Il-Qorti hawnhekk tħoss li għandu jiġi rilevat li l-espert mediku Dr. Anthony Galea Debono ma kienx ingħata l-fakolta' jisma' x-xhieda bil-ġurament jew jieħu xi stqarrija mingħand l-imputat jew persuni oħrajn. Għalhekk, it-teħid mill-espert tal-verżjoni bil-ġurament tal-imputat ġewwa l-Isptar Mater Dei fil-5 ta' Ġunju 2024, liema verzjoni ttieħdet mingħand l-imputat ukoll mingħajr assistenza legali u mingħajr ma ngħata id-

[5] Dr. Patrick Henry Frendo, bin-numru ta' reġistrazzjoni tal-Kunsill Mediku 794 ma ġiex prodott biex jixhed quddiem il-Qorti għaliex kien ġie nieqes fl-14 ta' Frar 2023.

[6] Dok. AGD1.

drittijiet legali l-oħra spettanti lilu skont il-liġi, sar bi ksur tad-drittijiet mogħtija skont il-liġi lil persuna akkużata kif ukoll id-dritt tas-silenzju, u wkoll bi ksur tar-regola fl-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali li x-xhieda jiġu eżaminati quddiem il-qorti u *viva voce*. Għalhekk, ma tista' tagħti ebda piż lill-parti tar-relazzjoni Dok. AGD1 li fiha stqarrijiet tal-imputat bil-ġurament u sejra tiskartahom għall-fini tad-deliberazzjonijiet tagħha, ħlief safejn dawn jikkostitwixxu prova favur tiegħu.

L-imputat, Aaron Caruana, għażel li jixhed quddiem il-Qorti[7]. Fix-xhieda tiegħu qal li kien tah attakk f'qalbu xi ħdax-il sena qabel u kien għamel ġimgħa fl-ITU ġewwa l-Isptar u minn hemmhekk ma setax jaħdem iktar. Kien talab għal għajnuna lil Silvio Parnis, illum mejjet, li qallu li kien ser jivverifika jekk setax japplika għal xi benefiċċju soċjali talli ma jistax jaħdem. Mn-naħa tiegħu l-imputat kien tah id-dokumenti mediċi tiegħu mill-file tal-Isptar[8]. Ftit wara, Silvio Parnis kien tah envelop u qallu biex imur bih għand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Hemmhekk huwa kien tahom dan l-envelop u kienu għamlu kopji tad-dokumenti u reġgħu tawh lura l-envelop bid-dokumenti. Hemmhekk kien iffirma l-paġna tal-applikazzjoni[9] iżda kkonferma li d-dokument li kienu tawh biex jiffirma kien jikkonsisti f'paġna waħda u mhux f'erba' paġni u l-parti tal-applikazzjoni bil-kitba u l-firma ta' Dr. Silvio Grixti ma kienx raha la dakinhar u lanqas qabel. Ikkonferma wkoll li hu qatt ma fetaħ l-envelope li kien tah Silvio Parnis qabel għaddih lid-Dipartiment, u qal li ma jafx jaqra u għalhekk għalxejn kien jiftħu. Filwaqt li stqarr fuq mistoqsija tal-Qorti illi kien ra l-firma ta' Dr. Silvio Grixti fost il-karti li kien hemm fl-envelop meta l-iskrivan fetaħ l-envelop u beda jqalleb fil-karti, ikkonferma illi qatt ma ġie eżaminat minn Dr. Silvio Grixti u qatt ma mar għand ebda tabib, u kien Silvio Parnis li kien irranġalu mat-tabib. Ikkonferma wkoll li l-karta bil-firma tat-tobba li qatt ma kien mar għandhom kienu wkoll fost id-dokumenti li huwa kien għadda lill-Bord Mediku. Ippreċiża madankollu li għalkemm kien jaf li kien qed japplika biex jieħu benefiċċji għal diżabbilita', huwa kien konvint li l-applikazzjoni saret b'rabta mal-kaz li kellu u mhux fuq mard ieħor.

[7] Xhieda tal-5 ta' Settembru 2024.
[8] Dan il-file ġie esebit, Dok. IZY.
[9] Paġna 28 tal-atti.

Sostna li ma kienx jaf li kien qed japplika biex jieħu benefiċċji għall-marda tal-epilepsija u hydrocephalus u t-tobba fuq il-bord mediku ma kienu saqsewh xejn dwar id-diżabbilita' li kellu. L-ewwel darba li sar jaf li l-applikazzjoni kienet għal diżabilita' minħabba epilepsija u hydrocephalus, kien meta ġie arrestat u interrogat mill-Pulizija in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli b'żewġ kapi ta' falsifikazzjoni, taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali.

L-insenjament abbraċċjat mill-Qrati tagħna in tema ta' falsita' huwa dak mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** mogħtija fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament preseduta, li fissret hekk id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:

"*Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin* "non é veridico, perché colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".

Il-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-kopja taċ-ċertifikat allegatament maħruġ minn Dr. Ruth Galea fit-22 ta' Ottubru 2019, hija falsifikata. Dr. Ruth Galea kienet skjetta fix-xhieda tagħha illi ma kienetx ħarġet iċ-ċertifikat in diżamina u għalkemm il-firma fuq id-dokument jixbaħ ħafna l-firma tagħha, ma kienetx iffirmatu hi u

eskudiet ukoll li kienet eżaminat lill-imputat bħala pazzjent ġewwa l-Isptar Mater Dei. Ġie eskluż ukoll fir-relazzjoni tal-perit mediku illi l-imputat ibati minn xi kundizzjoni newroloġika, inkluż hydrocephalus. Dan id-dokument bid-data tat-22 ta' Ottubru 2019, li m'huwiex ġenwin u huwa falsifikat fl-essenza materjali tiegħu, jinsab fi u jifforma parti mill-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali (Dok. MB1).

Jirriżulta wkoll li r-'Rapport tal-Ispeċjalist' li ġie mehmuż mal-applikazzjoni[10], iffirmata mill-'Ispeċjalist' Dr. Silvio Grixti, bid-data tas-16 ta' Settembru 2019, fiha tagħrif falz għaliex kif ġie stabbilit mill-perit mediku, l-imputat qatt ma għamel testijiet newroloġiċi fl-Isptar u ma jirriżultax li għandu xi kundizzjoni newroloġika. Minn dan il-Qorti fehmet li mhux minnu li l-imputat kien ġie operat minħabba "*epidermoid cyst in his 4th ventricle*" kif dikjarat fir-rapport tal-Ispeċjalist. F'din il-falsifikazzjoni l-Qorti tirravviża l-falz ideoloġiku imsemmi fid-duttrina in materja għaliex saru dikjarazzjonijiet mhux veritieri f'dokument li huwa ġenwin.

Madankollu, filwaqt li ġie ppruvat illi l-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali fih l-imsemmija żewġ dokumenti foloz, ma nġiebu ebda provi kwalsiasi mill-Prosekuzzjoni li juru li kien l-imputat u mhux xi ħaddieħor, li ffirma jew kien l-awtur tal-falsfikazzjoni jew kellu xi sehem fit-tfassil u produzzjoni tad-dokument falz u jew id-dikjarazzjoni falza.

B'mod speċifiku, id-dikjarazzjoni falza fir-Rapport tal-Ispeċjalist li ġie sottomess mill-imputat lid-Dipartiment, jidher li ġiet miktuba minn Dr. Silvio Grixti u mhux mill-imputat, tant illi taħt dan ir-rapport wieħed isib il-firma, allegatament, ta' Dr. Silvio Grixti u t-timbru tiegħu. Ma ġiex ippruvat li l-kalligrafija ta' dan ir-rapport[11] emaniet minn id l-imputat: għall-kuntrarju, l-espert tal-kalligrafija maħtur mill-Qorti, Joseph Mallia, ikkonkluda fir-relazzjoni tiegħu li ma ġewx riskontrati punti karatteristiċi fil-kitba u l-firma li saru bl-inka ta' lewn blu li jinsabu fuq l-

[10] Paġna 29/30 tal-atti tal-kompilazzjoni, taħt is-sezzjoni intestata: '*Rapport tal-Ispeċjalista*' / '*Kundizzjonijiet oħra hawn fuq mhux imsemmija jew informazzjoni addizzjonali dwar il-kundizzjoni mmarkata.*'
[11] '*Kundizzjonijiet oħra hawn fuq mhux imsemmija jew informazzjoni addizzjonali dwar il-kundizzjoni mmarkata.*'

applikazzjoni f'paġni 29 u 30 tal-atti tal-kompilazzjoni, li jaqblu mal-punti karatteristiċi tal-kalligrafija tal-imputat.

Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinsab ħati li huwa l-awtur tar-reati ta' falsifikazzjoni taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali, li dwarhom ġie mixli fl-ewwel u fit-tielet imputazzjonijiet, u dan mingħajr qies tal-fatt illi f'kull każ, dokument konsistenti f'ċertifikat jew rapport mediku evidentement ma jissodisfax l-element materjali tax-xorta tad-dokument li dwaru huwa maħsub ir-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikolu 167 u taħt l-artikolu 183 tal-Kodiċi Kriminali[12].

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 169 u r-reat taħt l-artikolu 184 tal-Kap. 9.

L-ewwel wieħed jippunixxi kull min, inkluż uffiċjal jew impjegat pubbliku[13], xjentement jagħmel użu minn waħda mill-karti msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9, ċioe': obbligazzjoni tal-Gvern ta' somom li jkunu ngħataw b'self lill-Gvern, il-ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern, ftuħ ta' kreditu dwar dan is-self fil-kotba tat-Teżorerija tal-Gvern u l-ġira ta' obbligazzjoni vera tal-Gvern (art. 166); ċedula, polza, ordni, jew dokumenti oħra, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, partita fil-kotba ta' dak l-uffiċċju, bank jew stabbiliment pubbliku ieħor u l-ġira ta' ċeduli, poloz, ordnijiet jew dokumenti li jkunu veru (art. 167).

L-artikolu 184 tal-Kap. 9, imbagħad, jippunixxi kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu. L-atti, kitbiet u skritturi foloz li jissemmew fl-artikoli ta' qabel tas-Sub-Titolu II tat-Titolu V (Dwar id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) huma dawk imsemmija fl-

[12] Falsifikazzjoni ta' polza, ċedula jew dokumenti li meta jiġu ppreżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas; u atti pubbliċi, kummerċjali jew ta' bank privat.
[13] Art. 168 tal-Kap. 9.

artikoli 179 sa 183 tal-Kodiċi Kriminali ċioe' dawk li jiġu falsifikati minn uffiċjal jew impjegat pubbliku fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu (art. 179); atti li jinbidlu fis-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom b'qerq minn uffiċjal jew impjegat pubbliku meta dawk l-atti jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu (art. 180); kopji legali ta' skritturi li joħorġu minn taħt l-idejn ta' uffiċjal jew impjegat pubbliku bis-saħħa tal-kariga tiegħu meta dawk l-iskritturi ma jkunux jeżistu (art. 182); u atti awtentiċi u pubbliċi jew skritturi kummerċjali jew ta' bank privat.

Id-dokumenti li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li huma falsifikati huma dawk li jinsabu fil-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Siġurta' Soċjali, (i) kopja ta' ċertifikat li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru 2019, li jidher li ġie ffirmat minn Dr. Ruth Galea u (ii) rapport li fih tagħrif falz dwar kundizzjoni medika li allegatament ibati minn l-imputat li jidher iffirmat minn Dr. Silvio Grixti – liema dokumenti ġie ppruvat li ntużaw b'rabta mal-applikazzjoni li ġiet sottomessa mill-istess imputat biex jitqies bħala persuna gravement disabilitata.

Iżda fil-fehma tal-Qorti, dawn id-dokumenti ma jirrientrawx fid-definizzjoni ta' att, kitba jew skrittura li jiġi falsifikat minn impjegat jew uffiċjal pubbliku b'wieħed mill-mezzi maħsuba fid-dispożizzjonijiet tas-Sub Titolu II tat-Titolu V, u lanqas bħala waħda mill-karti msemmija fid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9.

L-Avukat Ġenerali ma akkużax lill-imputat bir-reat taħt l-artikolu 189 tal-Kap. 9 li jinsab fid-dispożizzjonijiet ġenerali li jgħoddu għat-Titolu V tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi (Fuq id-Delitti kontra l-Fiduċja Pubblika) u li jipotetizza r-reat tal-falsifikazzjoni ta' kull dokument ieħor mhux imsemmi fid-dispożizzjonijiet ta' qabel fl-istess Titolu V, u l-użu ta' kull dokument bħal dak. L-Avukat Ġenerali, fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju indika biss, għall-fini ta' ħtija għar-reati ta' falsifikazzjoni, ir-reati taħt l-artikoli 167 u 183 tal-Kodiċi Kriminali.

Kif ingħad diġa', ċertifikat jew rapport mediku – li huwa l-uniku xorta ta' dokument li ġie ppruvat li ġie falsifikat – ma jistax jitqies bħala xi dokument minn dawk

imsemmija fl-artikolu 169 tal-Kap. 9 u lanqas fl-artikolu 184 tal-Kap. 9 u għaldaqstant l-imputat ma jistax jinsab ħati tar-reati addebitati fit-tieni u fir-raba' imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kodiċi Kriminali, ċioe' li xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta tagħrif falz f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor.

Jeħtieġ għalhekk qabel xejn jiġi stabbilit f'liema dokumenti jirriżulta li saret xi stqarrija jew dikjarazzjoni mill-imputata jew li fih xi tagħrif falz.

In kwantu d-dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat fis-27 ta' Settembru 2019, formanti parti mill-applikazzjoni sottomess f'ismu għall-ħlas ta' assistenza għal persuna li għandha dizabilita' severa[14], il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

L-imputat ammetta li huwa ffirma l-applikazzjoni fil-paġna li fiha d-dikjarazzjoni li safejn jaf hu, it-tagħrif kollu mogħti fid-dokument, huwa minnu, sħiħ u komplut. Ir-rapport mediku falsifikat li jidher iffirmat minn Dr. Silvio Grixti, jindika illi l-kundizzjoni jew marda li dwarha l-applikant, f'dan il-każ l-imputat, huma tnejn: l-epilepsija u hydrocephalus. Ġie ppruvat bir-relazzjoni tal-espert mediku illi l-imputat ma għandu ebda waħda minn dawn il-kundizzjonijiet.

L-imputat isostni li huwa ma kienx jaf x'kien hemm mitkub fl-applikazzjoni u fid-dokumenti li kien ingħata minn Silvio Parnis biex jgħaddihom lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, għaliex huwa ngħata envelop magħluq bid-dokumenti ġo fih u ma kienx fetaħ l-envelop peress li ma jafx jaqra. Għall-Qorti din il-verżjoni m'għandhiex mis-sewwa. Dan qed jingħad għaliex għalkemm, kif rajna, l-imputat isostni li huwa ma jafx jaqra, qal li meta mar jippreżenta l-envelop u ffirma l-applikazzjoni għand id-

[14] Paġna 28 tal-atti tal-kompilazzjoni, Dok. MB2.

Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, kien ra l-isem ta' Dr. Silvio Grixti u l-karti ffirmati minnu. Qal ukoll li kien ra wkoll dokumenti ffirmati minn tabib li qatt ma kien mar għandu. Kif taraha l-Qorti, huwa naturali li fejn persuna tkun talbet għal assistenza biex proċess mediku jitwettaq b'mod evidentement mhux leġittimu – billi tmur għand persuna fil-politika minflok għand tabib – tkun trid tipprepara biex tilqa' għal dak li tista' tiġi mistoqsija dwaru – f'dan il-każ meta l-persuna tiġi biex tissottometti d-dokumenti fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u wkoll meta tissejjaħ biex jiġi eżaminat mill-Medical Panel[15]. Fil-fatt, l-imputat ikkonfema li ma kien mar għand ebda tabib u kien Silvio Parnis li kien irranġalu mat-tabib.

Għall-Qorti, l-ammissjoni tal-imputat li kien jaf li fost id-dokumenti li ġew sottomessi bħala parti mill-applikazzjoni tiegħu biex jibbenefika mill-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, kien hemm karti ffirmati minn tabib li qatt ma kien mar għandu u qatt ma eżaminah, tfisser li seta' jintebaħ minnufih li l-applikazzjoni kien fiha tagħrif li seta' ma kienx minnu. Iktar minn hekk, dan ifisser ukoll illi l-imputat kien jaf li kien qed jippreżenta lid-Dipartiment u in segwitu wkoll lill-Bord Mediku, dokument b'ċertifikazzjoni li ma setax kien ġenwin.

Għall-Qorti, hija xi ħaġa ovvja għal kulħadd, anke għal persuna b'livell baxx ta' edukazzjoni, li biex persuna titqies bħala disabilitata tant li tkun eliġibbli għal assistenza soċjali, il-kundizzjoni tkun trid tiġi ċertifikata minn tabib u għalhekk, f'ċirkostanzi fejn l-imputat dikjaratament ma kienx mar għand tabib biex jiġi eżaminat iżda xorta waħda ra li l-applikazzjoni tiegħu għall-ħlas tal-benefiċċju kienet iffirmata minn tabib, ma setax ma jobsorx li fl-applikazzjoni kien ingħata xi tagħrif li ma kienx minnu u l-proċess li sar bl-intervent, allegatament, ta' Silvio Parnis, ma kienx leġittimu.

Huwa immaterjali l-fatt li l-imputat seta' ma kienx jaf x'kien hemm miktub fid-dokumenti ffirmati minn Dr. Silvio Grixti u fi kwalsiasi każ, il-Qorti ma tqisx li l-imputat huwa kredibbli meta qal li huwa kien taħt l-impressjoni li l-applikazzjoni

[15] Ma jirriżultax li l-imputat kien ingħata struzzjonijiet biex ma jiftaħx l-envelop bid-dokumenti.

kienet tikkonċerna "*il-każ li kelli u mhux fuq mard ieħor*", għaliex filwaqt li l-file mediku tiegħu tal-Isptar m'huwiex parti mill-file tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, kieku dan kien minnu ma kienx ikollu għalfejn imur għand persuna fil-politika biex jinqeda.

Dan kollu magħdud għall-Qorti huwa biżżejjed biex jissodisfa l-elementi materjali kollha tar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9 anke għaliex evidentement, l-applikazzjoni bit-tagħrif falz ġiet iffirmata u sottomess mill-imputat innifsu bil-għan li jinkiseb il-ħlas ta' benefiċċju konsistenti f'assistenza għal diżabilita' severa mingħand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, awtorita' pubblika.

Għaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-imputat, meta iddikjara li t-tagħrif fl-applikazzjoni huwa kollu minnu, għamel, xjentement, dikjarazzjoni falza lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għaliex kien jaf, minn tal-inqas, li kien hemm tagħrif falz konsistenti f'rapport bil-firma ta' tabib li qatt ma kien mar għandu biex jiġi eżaminat in konnessjoni mal-istess applikazzjoni, mingħajr qies tal-fatt illi l-applikazzjoni kien fiha wkoll tagħrif falz konsistenti fl-indikazzjoni li huwa jbati mill-kundizzjoni ta' hydrocephalus u epilepsija, meta l-provi juru li dan mhux minnu.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' truffa taħt l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali, u b'mod alternattiv, bir-reat minuri taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** deċiż fit-30 ta' Diċembru 2004, intqal:

*In tema legali gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:*

*"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll* ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo****, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma,* ***proprju ghax tkun giet ingannata****, volontarjament taghti xi haga lill-agent)."*

Minn dan, u skont kif inhu paċifikatament assodat fil-ġurisprudenza prevalenti in materja, sabiex tinstab ħtija għar-reat ta' truffa jeħtieġ li jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm rabta bejn is-suġġett attiv u is-suġġett passiv tar-reat u cioe' bejn l-aġent tar-reat u l-vittma. Hemm imbagħad l-element materjali ta' dan r-reat u cioe' l-użu ta' ingann, raġġiri jew artefizji, li jwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Dawn il-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' intelliġenza ordinarja u jridu jkunu frawdolenti fis-sens li jeħtieġ li jkunu użati sabiex jipperswadu lis-soġġett passiv jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li twassal għal telf patrimonjali.

Dwar l-artifizzji intqal[16] illi "*hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat.*" L-artikolu 308 innifsu jipprovdi eżempji konkreti ta' apparat estern jew artifizji li jikkostitwixxu l-ingann li jeħtieġ li jiġi ppruvat bħala wieħed mill-element materjali kostituttivi tar-reat ta' truffa, fosthom, l-użu ta' ismijiet foloz u ta' kwalifiċi foloz.

Irid jiġi ppruvat ukoll illi l-ingann u l-qerq adoperat mill-aġent tar-reat effettivament wassal lill-vittma biex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġabitilha t-telf patrimonjali; għalhekk irid jiġi ppruvat li t-telf partimonjali soffert mill-vittma kien il-konsegwenza diretta tal-qerq perpetrat. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Maria Xuereb**

---

[16] **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, ċitat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Omissis, Omar Caruana u Omissis** deċiż nhar l-14 ta' Lulju 2020

**et**[17], il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat ta' frodi u ċitat mis-sentenza tal-istess Qorti tat-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, is-segwenti bran minn sentenza tal-Corte di Cassazione Penale (Sez. II 3 ottobre 2006 n.34179) fejn intqal:-

"*I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente*."

Ċitat ukoll minn sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Spiter**i deċiża fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn il-Qorti għamlet riferenża għat-tagħlim ta' Francesco Antolisei:-

"*L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Hija meħtieġa wkoll il-prova dwar l-element formali tar-reat konsistenti fid-*dolo* ossia fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna sabiex jikseb profitt jew vantaġġ għalih innifsu bit-telf konsegwenzjali għall-vittma tar-reat[18].

Jekk xi wieħed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

---

[17] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2016.

[18] Fir-rigward ingħad:- *"... illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu, ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*- **Il-Pulizija vs. Charles Zarb**, *ibid*.

Fir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat)[19] taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9 ir-"raggiri" jew l-"artifizji" (dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene*) m'humiex fost l-elementi kostituttivi tar-reat u allura anke gidba sempliċi hija biżżejjed għall-kommissjoni ta' dana ir-reat, basta li din tkun saret bi ħsieb frawdolenti u twassal sabiex il-vittma u ċioe' is-suġġett passiv ta' dan ir-reat isofri xi telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba[20]. .

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrico Petroni et**[21] riteniet-

"*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra."* (enfasi ta' din il-Qorti)

Mill-kumpless tal-provi proċesswali huwa stabbilit illi l-kopja taċ-ċertifikat falsifikat li ġġib id-data tat-22 ta' Ottubru 2019, u t-tagħrif mediku falz mogħti fir-'Rapport tal-Ispeċjalist', entrambi jifformaw parti mill-file tal-imputat fid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali b'rabta mat-talba tiegħu għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa.

It-teżi tal-Prosekuzzjoni hi li dawn id-dokumenti nġiebu a konjizzjoni tat-tobba fuq il-Medical Panel li evalwa din l-applikazzjoni, u l-istess Panel iddeċieda li jiċċertifika lill-imputat bħala persuna gravement disabbilita' għaliex ġie żvijat bil-kopja taċ-

[19] Ara, fost ohrajn, **Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis**, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; **Il-Pulizija v. Francesca Caruana**, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll **Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer**, App. Krim., 3/3/56).

[20] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmela German**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri 30.12.2004.

[21] Deċiża 9 ta' Ġunju 1998.

ċertifikat falsifikat u bid-dikjarazzjoni falza fir-Rapport tal-Ispeċjalist, biex jemmen li l-imputat ibati mill-kundizzjoni ta’ *hydrocephalus*.

Mhux kontestat illi l-applikazzjoni tal-imputat ġiet approvata mid-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali u l-imputat beda jirċievi l-ħlas tal-assistenza għal diżabilita’ severa u mhux kontestat lanqas illi l-Medical Panel iċċertifikah bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta’ hydrocephalus imsemmija fil-paragrafu ‘c’ tar-rapport tal-istess Medical Panel[22].

Kif ingħad diġa’, il-provi juru illi d-dikjarazzjoni falza ffirmata minn Dr. Silvio Grixti dwar il-kundizzjoni medika tal-imputat ġiet sottomessa mal-applikazzjoni nnifisha u kien fost il-karti li l-imputat ippreżenta fid-Dipartiment fit-30 ta’ Settembru 2019, filwaqt li kollox jindika l-kopja taċ-ċertifikat falz allegatament iffirmat minn Dr. Ruth Galea, ġiet prodotta sussegwentement quddiem il-Panel Mediku[23]. Jirriżulta wkoll li in segwitu, il-Medical Panel daħħal il-kopja taċ-ċertifikat allegatament ta’ Dr. Ruth Galea fil-file u bagħtu lura lid-Dipartiment flimkien mar-rapport tiegħu datat 14 ta’ Novembru 2019.

Il-Qorti tqis illi l-Medical Panel ma setax raġjonevolment jistrieħ għall-fini taċ-ċertifikazzjoni dwar il-kundizzjoni medika indikata fl-applikazzjoni tal-imputat, unikament fuq id-dikjarazzjoni ffirmata minn Dr. Sivlio Grixti għaliex evidentement, skont kif jidher mit-timbru, m’huwiex speċjalist iżda huwa ‘*Primary Care Physician*’ u għalhekk ma setax lanqas jimla u jiffirma l-applikzzjoni fis-sezzjoni intestata ‘*Rapport tal-Ispeċjalista*”.

Jikkonsegwi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, li l-Medical Panel wasal għad-deċiżjoni biex jiċċertifika lill-imputat bħala persuna gravement disabilitata li tbati minn

---

[22] Ara paġna 24 u paġna 25 f’Dok. MB1.

[23] Għaliex iġġib id-data tat-22 ta’ Ottubru 2019. Fil-fatt, jeżisti dubju jekk il-kopja taċ-ċertifikat allegatament iffirmat minn Dr. Ruth Galea kienx fost id-dokumenti sottomessi mill-imputat flimkien mal-applikazzjoni għaliex iċ-ċertifikat huwa datat 22 ta’ Ottubru 2019, filwaqt li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata lid-Dipartiment tas-Siġurta’ Soċjali fit-30 ta’ Settembru 2019.

hydrocephalus, abbażi tal-kopja taċ-ċertifikat iffalsifikat li kellu quddiemu, li jġib id-data tat-22 ta' Ottubru 2019 u jidher li huwa maħruġ u ffirmat minn newrologu li kkonfermat illi Aaron Caruana għandu '*congenital hydrocephalus*'. Tabilħaqq dan ġie affermat b'mod speċifiku minn Dr. Raymond Galea fix-xhieda tiegħu fejn iddikjara li ċ-ċertifikat allegatament mħruġ minn Dr. Ruth Galea kien ġie prodott lill-Medical Panel waqt il-laqgħa ma' Aaron Caruana fl-14 ta' Novembru 2019.

Il-Qorti ma tistax ma tgħidx li tinsab ftit perplessa kif it-tobba fuq il-Medical Panel ma nnotawx illi minkejja li fir-rapport (falz) li suppost ġie ffirmat minn 'Speċjalist' bħala parti mill-applikazzjoni, ingħad li l-applikant kien ġie operat minħabba *epidermoid cyst* f'moħħu, ma sar ebda aċċenn kwalsiasi għal dan l-intervent kirurġiku fiċ-ċertifikat tan-newrologu u lanqas ġie prodott mad-dokumentazzjoni fl-applikazzjoni, il-case summary dwar l-allegat intervent mediku.

Iżda b'daqshekk ma jfissirx illi l-Medical Panel ma setax ġie ingannat bil-kopja taċ-ċertifikat tat-22 ta' Ottubru 2019 ġaladarba din turi li nħareġ minn speċjalist fin-newroloġija fl-Isptar Mater Dei u fiċ-ċirkostanzi, ħlief għall-premess, ma jidhrix li kien hemm raġuni oġġettivament riskontrabbli l-għala l-panel mediku kellu jiddubita mill-veraċita' taċ-ċertifikat in diżamina. Iktar u iktar meta skont kif xehed l-imputat, korroborat mix-xhieda ta' Dr. Taygeta Firman u Dr. Raymond Galea, il-prassi addottat mill-Medical Panel kien li waqt il-laqgħa nnifisha jaraw l-oriġinal taċ-ċertifikat li jkun fil-pussess tal-applikant, issir fotokopja dak il-ħin stess u l-kopja titpoġġa fil-file tad-Dipartiment.

Il-Qorti għaldaqstant hija tal-fehma illi ġie ppruvat sodisfaċjentement illi l-Medical Panel, fir-rapport tiegħu datat 14 ta' Novembru 2019, iċċertifika lill-imputat bħala persuna gravement disabilitata minħabba l-kundizzjoni ta' hydrocephalus, għaliex ġie impressjonat u konsegwentement ingannat, biċ-ċertifikat falz allegatament maħruġ u ffirmat min-newrologu Dr. Ruth Galea fir-rigward tal-imputat. F'dan id-dokument falsifikat jiffigura sfiq il-wiri ta' ħaġa b'oħra li kellu l-effett li jqanqal fil-Medical

Panel it-twemmin fl-eżistenza ta' stat ta' fatt li ma jeżistix, u dan kif espressament maħsub fid-dispożiżżjonijiet tal-artikolu 308 tal-Kap. 9.

Jirriżulta illi l-funzjoni tal-Medical Panel, skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali b'rabta ma' applikazzjonjiet li jsiru lid-Dipartiment għall-ħlas ta' assistenza għal diżabilita' severa, hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 106(a) tal-Att dwar is-Sigurta' Soċjali (Kap. 318). Dan jiddisponi:

*"... jekk it-talba tkun għal ... Assistenza għal Disabilità Severa, ... id-Direttur għandu, qabel jagħti d-deċiżjoni tiegħu, ħlief jekk it-talba ma tintlaqax minħabba f'kondizzjonijiet statutorji oħra, jikkonsulta dwar l-aspetti mediċi tat-talba ma' persuna waħda jew iktar li jkollhom warrant biex jeżerċitaw il-professjoni medika magħżula minn fost panel ta' persuni maħtura mill-Ministru bil-għan li jagħtu parir dwar dawn il-każijiet, skont kif tkun teħtieġ in-natura tat-talba ..."*

Minn dan, u mix-xhieda ta' Martin Buhagiar, jirriżulta illi ċ-ċertifikazzjoni magħmula mill-Medical Panel ikkostitwixxa l-parir li ġie mogħti lid-Direttur qabel iddeċieda t-talba tal-imputat għall-ħlas tal-assistenza għal diżabilita' severa. Dan, fil-fehma tal-Qorti, jikkostitwixxi prova konklussiva sija: (i) tar-rabta bejn l-aġent tar-reat, l-imputat Aaron Caruana, u s-soġġett passiv tar-reat, id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, li bil-parir mogħti lilu fir-rapport tal-Medical Panel tal-14 ta' Novembru 2019, iddeċieda li japprova l-applikazzjoni tiegħu u jibda jħallsu assistenza għal diżabilita' severa taħt l-artikolu 27(1) tal-Kap. 318 bir-rata ta' €104.85 fil-ġimgħa, u sija wkoll (ii) prova konkreta tan-ness bejn l-ingann ipperpetrat mill-imputat bil-produzzjoni taċ-ċertifikat falz, u t-telf patromonjali għad-Dipartiment konsistenti fil-ħlasijiet tal-assistenza magħmula lill-imputat, fis-somma komplessiva ta' €22,238.87[24].

Kif diġa' ġie stabbilit qabel, fil-konsiderazzjonijiet li saru riferibbilment għar-reat taħt l-artikolu 188 tal-Kap. 9, l-imputat aġixxa bix-xjenza li kien qed jipproduċi lill-Medical Panel u kwindi lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, in konnessjoni mat-talba

[24] Ara Dok. MB2.

tiegħu għall-ħlas ta' assistenza soċjali, dokumenti mediċi li kien fihom tagħrif li ma setax kien ġenwin u minnu, u konsegwentement huwa sodisfatt ukoll l-element formali tar-reat ta' frodi għaliex evidentement, l-imputat ried jinganna lid-Dipartiment b'dokumenti ffirmati minn tobba li qatt ma mar għandhom biex jiġi eżaminat.

Għaldaqstant, l-imputat sejjer jinsab ħati tar-reat taħt l-artikolu 308 tal-Kap. 9 bl-applikazzjoni tal-piena skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kap. 9. Dan ifisser illi ma jistax ukoll jinsab ħati wkoll tar-reat minuri ta' frodi nnominata għaliex l-artikolu 309 jipotetizza reat li jiġi kommess meta l-aġent jagħmel qligħ **b'qerq ieħor mhux imsemmi fl-artikoli preċedenti** u konsegwentement, iż-żewġ reati ingħataw b'mod alternattiv għal xulxin. Għalhekk, fuq dikjarazzjoni ta' ħtija għar-reat ta' truffa, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru 7 taħt l-artikolu 309 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat li għalkemm turi li huwa diġa' ngħata piena ta' sentenza ta' priġunerija, sospiża bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'hijiex waħda oneruża. Ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat, proprju għaliex kien jaf li ma kienx qed japplika għal benefiċċju soċjali b'mod leġittimu, meta irkorra mhux għand tabib biex jiċċertifika xi kundizzjoni medika li seta' kellu, iżda għand persuna fil-politika, għamel profitt illegali minn fondi li jintużaw biex jiġi mgħejjun min tassew ikollu bżonn l-assistenza għaliex fost oħrajn, ikun persuna gravement disabilitata. Ħadet qies ukoll tal-fatt illi l-istess att, ċioe' id-dikjarazzjoni jew stqarrija falza u l-għoti ta' tagħrif falz lil awtorita' pubblika, kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi għaliex kien ukoll il-mezz li bih ġie perpeptrat ir-reat ta' frodi u għalhekk għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi – dak tal-frodi - bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni.

**Għaldaqstant, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reati taħt l-artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kodiċi Kriminali addebitati fl-imputazzjonijiet bin-numru 1, 2, 3 u 4, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjoni bin-numru 9 dwar ir-reat taħt l-artikolu 309 tal-Kodiċi Kriminali, wara li rat l-artikoli 18, 188(1), 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil AARON CARUANA ħati tal-imputazzjonijiet bin-numru ħamsa u sitta u tikkundannah sentejn priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk fi żmien erba' (4) snin, il-ħati jikkommetti reat ieħor li huwa punibbli bil-priġunerija.**

**A tenur ta' l-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lil AARON CARUANA iħallas lid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali is-somma ta' tnejn u għoxrin elf mitejn u tmienja u tletin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€22,238.87) rappreżentanti l-kumpens għat-telf ikkaġunat lill-istess Dipartiment permezz tar-reat ta' frodi.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur is-somma komplessiva ta' elf, tliet mija u tmienja u għoxrin Euro u tletin ċenteżmu (€1,328.30) rappreżentanti l-ispejjez imħallsin lill-periti u esperti maħturin fil-proċeduri[25].**

---

[25] Joseph Mallia – Dok. JM1 (€828.30) u Dr. Anthony Galea Debono – Dok. AGD1 (€500).

**Għall-fini tal-artikolu 28A(8) u l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**